FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' April, 2002**

**Numru 10**

**Avviz. numru 154/02JR**

**APS Bank Limited**

**vs**

**Paul Farrugia u Adriana sive Diane Farrugia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mis-socjeta` attrici fil-25 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mija u sittin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm1460.87), u fejn intqal:**

**Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf erba' mija u sittin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm1460.87) dovuti kwantu**

**ghas-somma ta’ elf u erba’ mija u tlett liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm1403.52) bhala bilanc ta’ debitu ta’ Loan Account numru 10808332024 (Dok.A) u kwantu ghas-somma ta’ sebgha u hamsin lira Maltija hamsa u tletin centezmu (Lm57.35) bhala bilanc ta’ debitu ta’ kont kurrenti numru 10808330011 (Dok.B) u dana oltre l-interessi ulterjuri b’effett mit-28 ta’ Dicembru, 2001 sad-data tal-hlas effettiv;**

**Illi l-konvenuti gew interpellati biex ihallsu dan id-debitu izda baqghu inadempjenti;**

**Ghaldaqstant il-konvenuti in solidum bejniethom ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta’ elf erba’ mija u sittin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm1460.87), bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 26 ta’ Lulju, 2001, u bl-interessi ulterjuri b’effett mit-28 ta’ Dicembru, 2001 sad-data tal-hlas effettiv u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta Adriana sive Diane Farrugia prezentata fit-13 ta’ Frar, 2002, fejn intqal illi l-ammont mitlub huwa ezagerat stante illi jikkomprendi fih imghaxijiet komposti u kif ukoll gew addebitati diversi partiti li ma kellhomx jigu addebitati fl-istess kont, bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta` attrici fil-11 t'April, 2002, li biha s-sorte giet ridotta ghal elf u mitejn u sittin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm1260.87), filwaqt li zammet fermi t-talbiet ghall-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fl-avviz.**

**Ra n-nota tal-konvenuta prezentata fil-11 t'April, 2002, li biha ammettiet it-talba attrici kif ridotta.**

**Semgha x-xhieda ta' Louise Spiteri ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li s-self kien maz-zewg konvenuti u li l-ammont kif ridott kien ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kolha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni tal-konvenuta, u peress illi t-talba kif ridotta tirrizulta soddisfacentement ukoll fil-konfront tal-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u mitejn u sittin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm1260.87), bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Dicembru, 2001 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 26 ta' Lulju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**